**FIL-QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Illum 22 ta' Mejju 2025**

**Rikors Guramentat Nru. 67/2024 AGV**

Fl-ismijiet:-

**LSB**

vs

**GSB**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' L SB**

**Jesponi bir-rispett:**

1. ILLI dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema r-rikorrenti qieghed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti li tezisti bejn il-partijiet;

2. ILLI din it-talba tista' ssir minn kull parti li u f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda u dan skont ma jipprovdi l-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16, u cioe:

    **"[i]l-qorti tista', f'kull zmien matul is-smigh tal-kawza ta' firda, fuq talba ta' wiehed jew l-ohra mill-mizzewgin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewgin"**;

3. ILLI ma hemm xejn li ghandu jwaqqaf lil din l-Onorabbli Qorti milli tordna l-waqfien tal-komunjoni li tezisti bejn il-partijiet f'dan l-istadju;

4. ILLI hadd mill-partijiet ma huwa ser ibati ebda pregudizzju mhux proporzjonat konsegwenza tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti *pendente lite* u dana peress li l-partijiet illum jghixu hajja separata u ilhom jaghmlu dan sa mit-tieni jum ta' Frar tas-sena elfejn, tlieta u ghoxrin (02.02.2023);

**GHALDAQSTANT, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:**

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum in vigore bejn il-mizzewgin LSB u GSB u dana permezz ta' sentenza ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'effett mill-jum li din id-decizjoni tghaddi in gudikata;

2. Tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li din l-ordni ghandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti saret b'att pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Rat li l-konvenuta iddikjarat li ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talba.**

Rat illi, ghalhekk, setghet tghaddi minnufih ghal sentenza in parte.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza

L-ispejjez ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**